Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 329/2004

**Charles Camilleri**

**vs**

**Kalaxlokk Company Limited**
**(C – 7950)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata s-6 ta’ Mejju, 2004, li permezz taghha l-attur Camilleri fuq riferit ippremetta sintetikament is-segwenti:

1.1. Illi kien impjegat mas-socjeta` konvenuta mill-1986 bhala xufier t’ingenji kbar;

1.2. Illi fl-1999 gie assenjat xoghol ta’ tindif ta’ zoni industrijali minn materjal ta’ kostruzzjoni;

1.3. Illi f'Ottubru, 2002, waqt l-esekuzzjoni tal-mansjonijiet tieghu kien involut f'incident li fih garrab dizabilita` permanenti f'dahru;

1.4. Illi ghall-incident *de quo* kienet tahti s-socjeta` intimata u dan, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti u tal-ligi dwar il-harsien ta' sahhet il-haddiem fuq il-post tax-xoghol;

1.5. Illi ghalhekk sofra danni;

1.6. Illi s-socjeta` konvenuta rrikonoxxiet li l-incident *de quo* sehh waqt il-qadi ta' direttivi moghtija lill-attur stante li dan gia` thallas *in parte* ta' xi medicina lilu preskritta;

1.7. Illi ghalkemm debitament interpellata, s-socjeta` konvenuta baqghet qatt ma resqet ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur;

1.8. Illi in vista tal-premess, talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.8.1. Tiddikjara li l-imsemmi incident li sehh f'Ottubru, 2002, li sofra l-attur fil-kors tax-xoghol tieghu mas-socjeta` konvenuta, sehh unikament bi htija tal-istess socjeta` minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tad-dispozizzjonijiet tal-ligi;

1.8.2. Tillikwida, jekk mehtieg bl-opra ta' perit nominandi, id-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi incident, liema danni jikkonsistu:

1.8.2.i. F'telf ta' paga;

1.8.2.ii. Danni emergenti;

1.8.2.iii. Danni naxxenti mid-dizabilita` tieghu;

1.8.3. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta biex thallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

1.8.4. Bl-ispejjez inkluza dawk tal-ittra ufficcjali ta’ l-1 t’April, 2004, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficcjali sal-effettiv pagament;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fuq indikata datata s-17 ta’ Gunju, 2004, li permezz taghha eccepiet sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati;

2.2. Illi ghalhekk dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda;

2.3. Illi s-socjeta` konvenuta mhix responsabbli ghall-incident *de quo* u ghall-allegati danni sofferti mill-attur;

2.4. Illi ghalhekk l-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jigu sofferti mill-attur;

3.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-1 ta’ Lulju, 2004, li permezz tieghu hatret lill-espert mediku hemm indikat biex:

3.1. Jezamina lill-attur;

3.2. Jirrelata dwar id-debilitajiet permanenti li dan seta’ sofra kawza tal-incident *de quo*, (ara fol 13);

4.0. Rat ir-rapport mediku ipprezentat in atti datat it-13 t’Ottubru, 2004, li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

4.1. Illi l-attur kien “*heavy-plant driver*” mas-socjeta` konvenuta u kien ilu f’din il-kariga mill-1986;

4.2. Illi fl-1999 spicca mix-xoghol tal-Free-Port u inghata xoghol ta’ tindif ta’ kostruzzjoni;

4.3. Illi meta f’Ottubru, 2002, l-attur kien qed jahdem b’karretta kollha terrapien u haxix, ha skoss qawwi meta gie biex jizvojtha u konsegwenza tal-istess wegga’ dahru;

4.4. Illi wara li cempel lis-superjuri tieghu biex jinfurmhom bl-akkadut gie ordnat imur il-poliklinik;

4.5. Illi wara li gie ezaminat minn tabib fil-klinika inghata pilloli u ordnawlu jistrieh ghal tlett (3) ijiem;

4.6. Illi wara li anke ikkonsulta lit-tabib kuranti privat tieghu, din ordnatlu tlett (3) gimghat mistrieh u kitbitlu pilloli "*Cataflam*";

4.7. Illi din id-dijanjosi u kura indikata fil-paragrafu precedenti kienet sussegwentement ukoll avallata mit-tabib tas-socjeta` konvneuta li kien mar jezaminah id-dar;

4.8. Illi wara li ghadda dan il-perjodu ta' mistrieh, l-attur hassu ahjar u irritorna ghax-xoghol;

4.9. Illi meta l-attur rega' beda jahdem bil-karretta jidher li rega' beda jhoss l-ugiegh;

4.10. Illi pero` din id-darba l-ugiegh ma kienx ristrett ghal dahru izda beda jinhass ukoll f'riglejh il-leminija;

4.11. Illi meta ikkonsulta lit-tabib tieghu inghata parir jikkonsulta specjalista;

4.12. Illi wara li kien ezaminat minn newrologu fl-isptar St. James ta' Haz-Zabbar, kien infurmah li kellu *slip disc*;

4.13. Illi peress li baqa' jhoss l-ugiegh f'dahru mar jiehu *x-ray* u f'April, 2003, mar ukoll jaghmel MRI;

4.14. Illi wara dawn it-testijiet, id-dijanjosi precedenti ta' *slip disc* kienet ikkonfermata;

4.15. Illi l-kura li kien indirizzat ghaliha kienet tikkonsisti f':

4.15.1. Pilloli;

4.15.2. Fizjoterapija; u

4.15.3. Hajdroterapija;

4.16. Illi rizultat ta' din il-kura l-ugiegh qawwi li l-attur kien isofri minnu kien naqas, izda baqa' jbati biex jimxi;

4.17. Illi din il-kura l-attur baqa' jehodha sal-2004, u baqa' gej 'il quddiem izda, m'ghaddilux ghal kollox;

4.18. Illi f'April, 2003, l-attur rega' lura ghax-xoghol izda sa Lulju rega' beda jilmenta minn ugiegh;

4.19. Illi tabiba tal-poliklinik fejn kien mar tatu titqiba li permezz taghha fejqitu sa tlett (3) gimghat wara;

4.20. Illi meta l-attur irritorna ghax-xoghol inghata xoghol li jsuq trakk go barriera;

4.21. Illi pero` jidher li anke hawn beda jsibha bi tqila jitla' fuq it-trakk biex jghatti t-taghbija qabel ma jsuq;

4.22. Illi meta ilmenta, l-kuntrattur li kien jahdem mieghu rega' baghtu lura mas-socjeta` konvenuta;

4.23.Illi s-socjeta` konvenuta kienet kostretta titterminalu l-impjieg tieghu maghha imhabba ragunijiet ta' sahha;

4.24. Illi l-attur dam jirregistra ghal erba' (4) xhur, sakemm f'Lulju, 2004, sab xoghol bhala "*Security Guard*";

4.25. Illi l-ezami kliniku jista' jigi sintetikament riprodott bil-mod segwenti:

4.25.1.Illi l-MRI jipprovdi xhieda oggettiva ta' hsara fis-*disc* L4/5, (ara fol 17);

4.25.2.Illi ma jirrizultax li hemm nuqqas newtologiku fir-riglejn;

4.25.3.Illi l-attur ghandu element soggettiv li qed jikkontribwixxi ghas-sintomi minnu riskontrati, (ara fol 17);

4.25.4.Illi minhabba l-hsara riskontrata fir-rukkell ta' dahru fuq riferit, l-attur dejjem ghandu jevita li jerfa' affarijiet tqal;

4.25.5.Illi jekk l-attur jottempora ruhu mal-indikazzjoni riprodotta fil-paragrafu precedenti, l-ugiegh ikun mistenni li jcedi, billi jinxtorob u ma jibqax jaghfas fuq il-mudullun, (ara fol 17);

4.26. Illi rizultat tas-suespost, l-espert mediku nominat ikkonkluda li l-attur Camilleri ghandu dizabilita' permanenti ta' tnax fil-mija (12%), (ara fol 17);

5. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi ipprezentati;

6. Rat ix-xhieda mismugha kemm minn din il-qorti kif preseduta kif ukoll minn din l-istess qorti diversament preseduta;

7. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet biex jissottomettu noti ta' sottomissjonijiet fil-modalita` hemm indikata, (ara fol 399);

8. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati t-30 ta' Jannar, 2013, u t-8 ta' Mejju, tal-istess sena, (ara fol 406 u 415);

9. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti datat it-13 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti skritti taghhom;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi tenut kont tas-suespost, il-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament riprodotta bil-mod segwenti:

10.1. Illi l-attur kien impjegat tas-socjeta` konvenuta mill-1986;

10.2. Illi fl-1999 l-attur imbidillu x-xoghol tieghu u minn dak li jsuq ingenji kbar inghata x-xoghol li jnaddaf il-materjal ta' kostruzzjoni;

10.3. Illi l-attur isostni tul il-process kollu – mic-citazzjoni promotrici, (ara fol 1), san-nota ta' sottomissjonijiet tieghu,

(ara fol 406) – li l-incident li allegatament sofra minnu kien sehh generikament f'Ottubru, 2002, liema data hi pero` fattwalment konfutata mis-socjeta` konvenuta li ssostni li dan, jekk sehh, sehh fid-29 ta' Lulju, 2002, (ara fol 293 u 295);

11.Illi din l-indikazzjoni tohloq intopp insormontabbli tenut kont tal-fatt li tul il-perjodu ezageratament twil li hadet din il-kawza l-istess attur jirrizulta li qatt ma talab id-debita korrezzjoni fir-rigward;

12. Illi *di piu`*, tenut kont tad-dokumentazzjoni mhux kontradetta ipprezentata fir-rigward mis-socjeta` konvenuta, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tiddikjara li l-attur kien grossolanament zbaljat fir-rigward u qatt ma wera l-icken interess li jirrimedja is-sitwazzjoni;

Ikkunsidrat:

13. Illi indikazzjoni dubbjuza ohra moghtija mill-attur tirrigwarda l-allegat post fejn sar l-allegat incident meritu tal-procedura odjerna stante li gie indikat kemm li dan sehh Hal-Far, kif ukoll Ricasoli, (ara fol 415);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi nonostante l-problematika riferita fil-paragrafi ghaxra (10) sa tlettax (13) aktar qabel, il-meritu jista' jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

14.1. Illi waqt li l-attur kien misluf lill-kuntrattur partikolari biex inaddaf materjal u haxix minn *area* industrijali bil-karretta, hu wegga' dahru;

14.2. Illi tenut kont li r-relazzjoni peritali fuq estensivament riferita, (ara paragrafu numru erbgha (4) fl-interezza tieghu), li din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni li tikkonfuta, anzi minflok tiehu l-opportunita` li taghmel taghha, tirrileva, interessantement, is-segwenti:

14.2.1. Illi l-MRI jipprovdi xhieda oggettiva ta' *slip disc*;

14.2.2. Illi ma jirrizultax li hemm nuqqas newrologiku fir-riglejn tal-attur;

14.2.3. Illi l-attur ghandu element soggettiv li qed jikkontribwixxi ghas-sintomi minnu riskontrati;

14.2.4. Illi wara perjodu li fih l-attur dam jirregistra, jirrizulta li sab xoghol bhala "*Security Guard*";

Ikkunsidrat:

15. Illi ghalhekk ma jirrizultax li l-attur ipprova skont il-ligi fil-grad anke ta' probabbilita`, li l-kagun tal-*islip disc* li kien qed jilmenta minnu kien esklussivament ikkagunat mill-garr tal-karretta li kien qed jahdem biha;

16. Illi *di piu`*, anke jekk ghall-grazzja tal-argument dan seta' b'xi mod ikkontribwixxa ghal xi regattivita` fizika fl-attur, dan kien facilment superabbli b'perjodu zghir ta' mistrieh u bi ftit "*Cataflam*";

17. Illi aktar min hekk, il-fatt li l-istess attur sussegwentement u fi zmien relattivament qasir ghazel li jkun impjegat bhala "*Security Guard*", xejn ma jindika li kien qed isofri min xi debilita` permanenti li tirrikjedi l-intervent gudizzjarju riskontrat, tenut kont tal-fatt li tali impjieg zgur jimplikasforzi fizici relattivament importanti li kemm –il darba minn impjega lill-attur kien ikun a konoxxenza tal-fatt li dan ma jkunx f'pozizzjoni li jezercita l-obbligazzjonijiet tieghu, zgur ma kienx jimpjegah;

Ikkunsidrat:

18. Illi din il-qorti taghmel ukoll referenza ghad-dokument esebit mill-istess attur datat iz-19 ta' Jannar, 2004, li permezz tieghu jirrizulta li s-socjeta` attrici hallset lill-attur

is-somma zghira hemm indikata bhala “*injury benefit*”, (ara fol 5);

19. Illi l-istess dokument jirrileva wkoll is-segwenti:

“Enclosed please find our cheque No. 3596 for the sum of LM42.58 in settelment of: injury benefit as per KX/PEAS/240090/1/02”;

20. Illi f’dan ir-rigward il-kliem “***in settlement***” huma t’importanza immana stante li l-effett taghhom hu li kif appena l-attur jaccetta l-imsemmi *cheque* u jsarrfu, kien qieghed ukoll jiddikjara li l-vertenza li seta’ kellu mas-socjeta` konvenuta kienet giet liberament transatta u ghalhekk kien qed jirrinunzja ghal kwalunkwe drittijiet li hu seta’ jivvanta kontra taghha;

**DECIDE:**

21. Illi in vista tal-premess, filwaqt li ghar-ragunijiet fuq esposti takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta Kalaxlokk Company Limited, tirrespingi t-talbiet kollha tal-attur Charles Camilleri, bl-ispejjez.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------